**Qorti tal-Magistrati (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 13 ta' Gunju 2017**

**Kaz Numru:- 803/2012JVC**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Francis Portelli, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 19845(G) ta' 67 sena, iben il-mejtin Joseph u Victoria nee' Said, imwieled Rabat, Ghawdex nhar is-sittax (16) ta' Frar 1945, u joqghod 'Meadow', Flat 2, Triq Wied Sara, Ghasri Ghawdex.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar l-24 ta' Lulju 2012, ghall-habta ta' 11.45hrs waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Mitsubishi, bin-numru tar-registrazzjoni CAA 817, fi Triq iz-Zebbug, Ghasri;

1. Saq vettura tal-ghamla Mitsubishi, bin-numru tar-registrazzjoni CAA 817 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Loos Sidney Henri Joseph.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-ghamla Hyundai Getz, bin-numru tar-registrazzjoni KQZ006 u dan ghad-dannu ta' Lorenzo Eduardo Cervera Martinez u jew persuni ohra.

Il-prosekuzzjoni titlob li l-imputat f'kaz ta' htija jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhirlha li hu xieraq.

Rat illi l-uniku prova mressqa fl-atti da parti tal-prosekuzjoni kienet ix-xhieda ta' Saviour Farrugia li kkonferma li l-vettura CAA 817 issejjah lill-imputat u pprezenta kopja tal-*log book* tal-istess vettura. Rat ukoll illi fl-istess jum fil-verbal tat-8 ta' Marzu, 2017 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex provi aktar xi tressaq;

Rat illi l-imputat fis-smiegh tal-4 ta' Mejju, 2017 ghazel li ma jixhidx u ddikjara li ma kellu l-ebda prova xi jressaq;

Ikkunsidrat illi fl-atti ma tressqet l-ebda prova lanqas minima relatata mal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat b'dana li din il-Qorti lanqas tista' biss tibda tikkunsidra l-provi dwar l-allegat reat ahseb u ara kemm tista' legalment tikkunsidra l-htija tal-imputat fl-ambitu ta' proceduri kriminali fejn il-prova li trid titressaq hija dik ta' oltre d-dubju ragjonevoli.

**Decizjoni**

Illi fic-cirkustanzi suesposti u fuq nuqqas ta' provi, din il-Qorti tiddikjara lill-imputat Francis Portelli mhux hati u tillberah minn kull imputazzjoni.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/registratur